*Art 838A tal-Kap 12*

*Garanzija*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Numru : 878/2016/LSO**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1655/2013 fl-simijiet :**

**Gismalla Adam Ahmed (ID 22755(A)) bhala prokuratur ta' l-assenti Ahi Abdussalam Abdelsamad (Passaport Libjan numru 189416) fil-kwalita` tieghu ta' segretarju generali tal-**

**Great Alfatih (69) Birth Association u b' digriet tad-9 ta' Marzu 2017 Dr Leontine Calleja u l-PL Louise Tufigno gew appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ali Abdussalam Abdelsamad.**

**vs**

**Adel Ahmed Milad Ashur (Passaport Malti nru 585616), direttur, iben Ahmed Ashur u Selma nee` Mohammed imwieled fi Tripoli, Libja u residenti Ibragg, Swieqi**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Adel Adel Ahmed Milad Ashur (detentur tal-Passport Malti numru 585616) datat 3 ta' Ottubru 2016 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi permezz ta' Digriet minnha moghti fis-17 ta' Dicembru 2013 dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghal hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi;

Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jissottometti umilment is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari, kif irrizulta fil-mori tas-smigh tal-kawza fl-ismijiet *Ali Abdussalam Abdelsamad noe vs BH International Limited et.* (Rik. Gur. Nru. 835/2012, deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2013 bic-cahda tat-talbiet attrici u prezentement tinsab in stadju tal-*primo appuntamento* ta' l-Appell), l-assocjazzjoni rikorrenti hija inezistenti legalment peress illi giet xolta mill-Gvern Libjan u ma ghadhiex tezisti, ghalhekk dina l-assocjazzjoni xolta ma jista' jkollha qatt l-ebda kapacita' guridika sabiex tipprezenta ebda att;

2. Fil-mori tal-istess kawza hareg ukoll il-fatt illi l-imsemmi Ali Abdussalam Abdelsamad ipprezenta ruhu b'mod abbuziv, illegali, fabbrikat u frawdolenti bhala rapprezentant legali ta' socjeta` inezistenti u l-istess Abdelsamad kien ilu li spicca minn dina l-kariga *stante* li l-kariga spiccat max-xoljiment tal-assocjazzjoni nnifisha u dan qabel ma pprezenta l-istess proceduri legali;[1]

*([1]Issir umili referenza ghall-Ittra Formali emessa mill-Ambaxxata Libjana f'Malta u ndirizzata lill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AA1 (esebita fil-mori tar-*

*Rikors Guramentat numru 835/12/2012 JPG fl-ismijiet Ali Abdussalam Abdejsmad fil-kwalita` tieghu ta' segreatarju generali tal-Geat Alfatih (69) Birth Association vs B H International Limited (C29146) et.)*

3. Dan id-dokument AA 1 huwa prova cara, netta u inekwivoka li l-Assocjazzjoni li kien jismiha Great Alfatih (69) Birth Association ma ghadhiex tezisti u - sahansitra iktar minn hekk - li mhux biss Ali Abdussalam Abdelsamad ma ghadux jirrapprezentaha izda li hu stess huwa addirittura ricerkat mill-Awtoritajiet Governattivi Libjani in konnessjoni ma' l-attivitajiet tieghu mar-regim precedenti Libjan li kien immexxi mill-Kurunell Muammar Gaddafi.

4. Jinghad ghal korrettezza illi fil-mori tar-Rikors Guramentat numru 835/12/2012 JPG fuq imsemmi, ir-rikorrenti odjern min-naha tieghu ittanta jqajjem dubji dwar l-awtenticita' ta' dan id-dokument (Dok. AA1) u wkoll ipprezenta hu stess sensiela ta' dokumenti li allegatament jghidu l-kuntrarju.

Maghmula din il-konstatazzjoni dejjem ghall-korrettezza tal-fatti, jigi rilevat bir-rispett illi f'dan il-kuntest:-

(a) Id-Dok.AA1 hawn anness mhux biss huwa car, manifest u ma jhalli ebda ombra ta' dubju fil-kontenut tieghu, imma gie prodott in piena soddisfazzjoni tad-dispost ta' l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 fuq imsemmi, *stante* illi fil-forma tieghu gie trasmess mill-awtoritajiet Governattivi Libjani lill-awtoritajiet Governattivi Maltin skont il-procedura li tirregola t-

trasmissjonijiet diplomatici minn pajjiz ghall-iehor kif dettat mill-Konvenzjoni ta' Vienna.

(b) Huwa ferm illuminanti l-apprezzament maghmul mill-Onor. Prim' Istanza fis-Sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawza Rikors Guramentat numru 835/12/2012 JPG fuq imsemmija, propju dwar il-prova migjuba mill-esponenti (flimkien mal-intimati l-ohra kollha f'dawk il-proceduri) u dwar id-dokumenti li pproduca r-rikorrenti odjern biex jirribatti. L-esponenti jiskuza ruhu tat-tul tal-bran hawn riprodott pero' dan huwa ghaliex altrimenti jintilef is-sens tal-istess (kull fejn hemm enfasi, din fil-fatt temani mill-istess Sentenza citata):-

*"L-intimati BH Interantional, issollevaw in-nullita` ta' dawn il-proceduri ghaliex isostnu illi l-assoccjazzjoni Great Alfatih (69) Birth Association, kienet assoccjazzjoni imwaqqfa mill-Gvern ta' Gaddafi, u giet xolta mal-waqa' tar-regim ta' Gaddafi. In sostenn ta' dan, l-intimati u s-socjeta`jiet intimati, ipproducew lil James Farrugia, li kkonferma JF1, ezebit a fol 35. James Farrugia Assistent Direttur fil-Protocol fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ikkonferma li kien rcieva Dok JFl mill-konslu tal-ambaxxata Nagat Tarabelsi, li l-assoccjazzjoni attrici rapprezentata mill-attur: "ma ghandha l-ebda legal u judicial existance, following the dowfall of the regime." Di piu` l-attur kien qieghed fuq il-wanted list tal-Gvern Libjan il-gdid.*

*L-attur, biex jikkontradici din l-allegazzjoni, ha l-pedana tax-xhieda. Fix-xhieda viva voce tieghu, l-attur b'mod mill-aktar*

*konfuz u wara diversi domandi ripetuti, ma setax jaghti l-kariga specifika tieghu taht il-Gvern ta' Gaddafi u, bl-aktar mod vag xhed illi kien responsabbli ghal "xi haga" fl-ekonomija u "xi finanzi", u li kellu "inkarigu biex imexxi z-zghazagh". Imbaghad ghadda biex ikkonferma li ffirma l-kuntratti dwar l-importazzjoni dwar il-karozzi t'Awwissu 2008 u 2009. Mitlub ripetutament sabiex jikkonferma l-ezistenza tal-assoccjazzjoni attrici u l-kariga kontinwa tieghu f'tali assoccjazzjoni, jammetti a fol 72: "ghadna ma ircevejna xejn min-naha tal-Gvern prezenti ta' Tripli gdida ufficjali ha nkunu cari.", izda fl-istess hin, ikkonferma li huwa qed jerfa' r-responsabbilta sabiex imexxi din il-kawza.*

*Illi dan l-istat ta' fatt jikonfliggi b'mod zgaccjanti ghal Dok AA1 u AA2 jew jikkonferma illi jmexxi din il-kariga taht il-Gvern Gdid tal-Libja, b'awtorizzazzjoni illi jara li l-flus f'pajjizi esteri jergghu jigu lura lejn il-Libja.*

*Illi di piu` minkejja illi x-xhieda tal-attur viva voce quddiem din il-Qorti kienet wahda kwazi inkoerenti, l-affidavit tieghu juri trasformazzjoni ta' hsieb rakkolt immens. Dak pero` l-aktar li jhasseb din il-Qorti, hu l-kwalita' ta' dokumentazzjoni illi giet ezebita mill-attur. Dan qieghed jinghad 'il ghaliex id-dokumentazzjoni ezebita, fil-maggor parti taghha tikkonsisti fi scanned copies minn computers, li mhumiex awtentikati kif trid il-ligi. Il-Qorti taghraf illi meta si tratta ta' entita' govemattiva u raprezentanza taghha, huwa haga minn l-aktar facli illi l-Gvern Esteni, tramite id-diplomatic channels, jaghti konferma spedita lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.*

*Din il-Qorti di sua sponte, ordnat illi d-diversi dokumentazzjoni illi gew ezebiti mill-attur, jintbaghtu lill-Konslu tal-Libja ghal Malta ghall-konferma tal-veracita' u awtenticita' taghhom. Fil-kaz in ezami kif jidher mid-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Novembru 2012, il-Konslu tal-Libja ghal Malta ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri ai termini ta', Artikolu 31(2) tal-Kap.191 li jinkorpora l-Konvenzjoni ta' Vienna dwar l-Immunitajiet u l-Privileggi Diplomatici.*

*Dawn id-dokumenti gew ritornati lill-Qorti, b'intimazzjoni illi ser jigu ezaminati mill-Ambaxxata Libjana. Din linformazzjoni sal-mument li inghatat di d-decizzjoni u cioe' sitt xhur wara, baqghet ma gietx trasmessa.*

*Illi din il-Qorti mbaghad akkordat lill-attur diversi differimenti sabiex jipprezenta d-dokumentazzjoni skont il-ligi biex jirribatti z-zewg eccezzjonijiet preliminari. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-prova ma saritx b'mod illi tikkonvinci lil din il-Qorti sac-certezza morali jew fuq bilanc ta' probabilita':*

*1. Illi l-assoccjazzjoni attrici fil-fatt ghadha tezisti;*

*2. Li l-attur ghadu jokupa l-kariga prominenti fl-istess assoccjazzjoni tali li ghandu rapprezentanza guridika taghha; u*

*3. Li ghandu l-fiat tal-Gvern Libjan il-gdid biex imexxi din il-kawza.*

*U dana minkejja illi, wara l-ahhar terminu moghti min din il-Qorti lill-attur biex jressaq il-provi dwar l-ewwel eccezzjonijiet preliminari , din il-Qorti, regghet accettat aktar "dokumentazzjoni", mill-attur.*

*Dan qieghed jinghad 'il ghaliex kif jinghad aktar 'iI fuq, il-kwalita' ta' dokumentazzjoni esebita mill-attur hija wahda illi, minnha nnifisha u anke b'ezami superficjali jew prima facie tqajjem suspetti gravi ta' falsifikazzjoni u tbaghbis ta' dokumenti. Hekk perezempju fuq id-dokument illi jaghti wiehed x'jifhem illi huwa l-original li jinstab a fol 83 d-data fuq dan id-dokument huwa tat-12 ta' Novembru 2011. Jidher bic-car illi data hija hand written u mkux ittapjata bhal kumplament tad-dokument. It-traduzzjonita' dan l-istess dokument li jinstab a fol 82, pero` ggib id-data tal-11 ta' Novembru 2012.*

*Illi in oltre kif jidher mill-ahhar dokumenti ezebiti u cioe` Dok Z u ZI, afol 229 u 230 jidher illi dokument Gharbi gie ccertifikat fil-11 t'April 2013 gewwa Tripoli, waqt illi traduzzjoni tieghu minn ditta African Malta Limited giet mwettqa u apostilled fl-10 t'April 2013.*

*Di piu` meta wiehed imbaghad jara l-kontenut tad-dokumenti u l-izbalji gravi ta' ortografija u ta' syntax, wiehed aktar ikollu ghalxiex ikun preokkupat*";

5. Illi fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, kif jirrizulta mill-istess kawzali riportata fit-talba ghal hrug tal-Mandat *de quo*, ir-rikorrenti stess qieghed jidentifika bhala l-unika

relazzjoni guridika li qatt ezistiet bhala dik naxxenti meta *"..r-rikorrent Ali Abdussalam Abdelsamad* <u>*kien iffirma kuntratt ma' socjeta` B H International Limited*</u> *fl-20 ta' Awwissu 2008, fejn* <u>*din is-socjeta` intimata*</u> *obbligat ruhha*...."(enfasi tal-esponenti). F'dan il-kuntest ghalhekk, anke minn dak direttament dezunt mill-kawzali formalment proposta f' dan il-mandat *de quo*, <u>la hemm u lanqas qatt ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti *noe* u l-esponenti li kontrih personalment illum ir-rikorrenti ottjena l-hrug tal-Mandat odjern;</u>

6. Illi fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari ma jistax ma jigix rimarkat illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrenti - li (a) diga` sab it-talbiet tieghu fil-kawza in mertu mhux biss respinti mill-Onor. Prim'Istanza imma michuda bi twissija cara u ndikattivissima moghtija lilu mill-istess Onor. Qorti meta fl-ahhar tas-Sentenza taghha fuq imsemmija stqarret espressament illi hija "*..tirrizerva li tibghat id-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-attur tintbaghat* (sic) *lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-iskrutinju tieghu"* u li (b) diga` sab il-Mandat ta' Sekwtesru kawtelatorju minnu pprezentat ukoll debitament revokat - meta talab ghall-hrug tal-Mandat odjern kien qieghed ghal darb'ohra jipprova jabbuza mill-process gudizzjarju u legali Malti biex jittanta mill-gdid jitfa' pressjoni ndebita din id-darba fuq l-esponenti personalment;

7. Illi l-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi ma jistghux fil-fatt hlief li jigu mifhuma fil-kuntest propju taghhom. Dan il-kuntest huwa dak ta' persuna li giet

Malta, qabdet u talbet qabel xejn il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ghall-istess valur bhal dak citat f'dawn il-proceduri ta' oltre sittin miljun ewro; faqqghet kawza u mbaghad ma gabitx l-iktar prova essenzjali li tingieb - dwar l-ezistenza legali tal-assocjazzjoni li allegatament f'isimha mexxa u dwar l-istess allegat dritt rapprezentattiv tieghu. Dan kollu - maghdud ma' l-agir sussegwenti tieghu u l-hrug tal-Mandat ta' Inbizzjoni *de quo* wara c-cahda tal-imsemmi Mandat ta' Sekwtesru u wara c-cahda tat-talbiet tieghu in Prim'Istanza maghmula f' termini skjaccanti, ikompli jirrendi l-agir ta' Ali Abdussalam Abdelsamad u tar-rapprezentant tieghu Gismalla Adam Ahmed intenzjonati u ghalhekk ukoll doluz.

8. Illi in effetti dan Ali Abdussalam Abdelsamad li mexa b'dan il-mod, ma ghandu ebda assi f' Malta u l-anqas biss ghandu ebda forma ta' residenza jew konnessjoni effettiva ma' Malta u ghalhekk, fi kwalsiasi kaz li bhal ma diga' gara s'issa bl-aktar mod car u enfatiku, il-pretenzjonijiet tieghu jirrizultaw infondati (jekk mhux addirittura frawdolwenti[2]), *([2] Issir hawn umili referenza ghall-parti tas-Sentenza Rikors Guramentat numru 835/12/2012 JPG fl-ismijiet Ali Abdnssdnin Abdelsmnad fil-kwalita' tieghu ta' segretarju generali tal-Grent Alfatih (69) Birth Association vs BH International Limited (C 29146) et) fuq citata fejn l-stess Onorabbli Qorti ddisponiet illi "...tirrizerva li tibghat id-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-attur tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-iskrutinju tieghu".),* allura ma jkun hemm assolutament xejn x'jaghmel tajjeb ghall-pregudizzju partikolari kontinwu li qieghed isfori r-rikorrenti

li, wkoll ghad li qatt ma kellu personalment ebda relazzjoni guridika mal-istess Abdelsamad, qieghed inibit milli jbigh u jittrasferixxi proprjeta' tieghu;

9. In effetti filwaqt illi min-naha wahda r-rikorrenti Abdelsamad l-anqas biss indenja ruhu jigi Malta ghall-prezentata tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat *de quo* u filwaqt illi l-istess rikorrenti Abdelsamad qieghed f'pozizzjoni fejn jigri x'jigri u minkejja kull pregudizzju kkawzat mill-agir tieghu, ma ghandu assolutament xejn x'jitlef jew xi jqieghed f'riskju f'kaz ta' rifjut iehor (bhal ma diga' kellu) tal-pretenzjonijiet tieghu, min-naha l-ohra ma hemm assolutament xejn li jipprotegi b'xi mod lill-esponenti, li jinsab b'assi personali tieghu ffrizati, mill-pregudizzju u danni naxxenti bhala konsegwenza diretta ta' tali inibizzjoni patrimonjali rikjesta mir-rikorrenti.

10. Illi ghalhekk, jigi umilment sottomess illi ghandu jirrizulta applikabbli ghal tali cirkostanzi d-dispost ta' l-artikolu 838 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:-

*"Il-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuma li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju."*

11. Illi l-pregudizzju u danni naxxenti mill-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi huma ekwivalenti

ghall-valur ta' l-immobbli ffrizat u l-esponenti jissottometti bir-rispett illi tenut kont (a) ta' l-assenza totali ta' assi jew interessi da parti tal-imsemmi Ali Abdussalam Abdelsamad; (b) l-assenza ta' konnessjoni tieghu effettiva ma' Malta u (c) ta' dak kollu li hareg b'mod altament indikattiv u allarmanti fil-mori tal-kawza fuq imsemmija in Prim'Istanza li jitfa' dawl mhux biss fuq il-*mala fede* imma anke fuq agir frawdolenti da parti tal-istess Abdelsamad bil-prezentazzjoni ta' dokumenti dubjuzi ghall-ahhar li gew mill-ewwel senjalati mill-istess Onorabbli Qorti, ghandu jirrizulta pacifiku illi l-applikazzjoni tad-dispost ta' l-Artikolu 838 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta, ragjonevoli u partikolarment indikata ghac-cirkostanzi partikolari *de quo.*

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt illi jaghmel referenza ghal dak kollu fuq espost u jirrizerva umilment illi jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri ghall-attenzjoni superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-rikorrenti fil-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi sabiex jaghti, fi zmien li jigi appozitament stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa ghal hlas tad-danni ekwivalenti ghall-valur ta' l-immobbli maqbuda fl-istess Mandat jew somma verjuri u mghax u li, fin-nuqqas ta' l-istess, li tnehhi u tirrevoka l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1655/13 fl-ismijiet fuq premessi, u dan a tenur ta' l-Artikolu 838 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti fuq tali Mandat *de quo.*

Salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2016 fis-1:00pm.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-9 ta' Marzu 2017 (fol 26) fejn il-Qorti rat in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali tal-1 ta' Marzu 2017; ghaldaqstant innominat lill-Avukat Dr Leontine Calleja u lill-Prokuratur Legali Louisa Tufigno sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ali Abdussalam Abdelsamad fl-atti tar-rikors ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 13 ta' Gunju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Matthew Brincat ghall-attur. Il-Qorti rat li l-kuraturi gew notifikati izda ma prezentawx risposta. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-MI 1655/2013/JPG. Dr Brincat iddikjara li m'ghandux aktar provi u talab li jitratta. Il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni gudizzjarja tas-sentenza Nru 835/2012/JPG deciza fil-31 ta[1] Mejju 2013. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Matthew Brincat, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2017 fid-9:30a.m., bl-intendiment li tibqa' ghal wara l-ferjat f'kaz li l-Qorti jkollha tiddifferixxi minhabba impenji ta' xoghol.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrent ezekutat qed jitlob li jigi applikat l-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta** kontra l-ezekutant wara l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi bin-numru 1655/2013.

L-**artikolu 838A tal-Kap 12** jipprovdi:

*"Il-Qorti tista' meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghal hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju."*

Ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali tal-kaz, din il-Qorti trid tevalwa t-talba mressqa mill-ezekutat. Ir-rikorrent fil-kaz taht ezami, qed jitlob li l-ezekutant, ghandu jigi obbligat jipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tad-danni u imghaxijiet u fin-nuqqas li l-imsemmi mandat jigi revokat.

Illi l-kuraturi nominati biex jirraprezentaw lill-intimat ezekutant, ma pprezentawx risposta fit-terminu stabbilit mil-Ligi.

Illi dwar din il-kwistjoni tal-ghoti tal-garanzija, gew spjegati r-ragunijiet hekk kif promossi fil-premessi tar-rikors promotur. Gie rilevat ukoll, li l-kaz fl-ismijiet **Ali Abdussalam Abdelsamad noe vs BH International Ltd.**

**et** (Rik. Nru. 835/2012) deciza mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 2013 gie segwit bil-Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni bin-Numru 1655/13*.* Gie rilevat ukoll, fit-trattazzjoni, li l-kaz 835/2012, ma jikkostitwix gudikat, peress li ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, li r-rimedju tal-ghoti ta' garanzija huwa alternattiv ghat-talba tat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. (Ara **Edward Vella vs Charles Deguara**, P.A. (111/2012) deciza fil-21 ta' Ottubru 2012; **Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.** P.A. (RCP - 30 ta' Mejju 2002).

Ghalhekk, huwa evidenti anke mill-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu 838A, li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu jiddependi fuq il-fatt li l-Mandat ikun ghadu *in vigore*. Difatti, l-istess artikolu 838A ma joffri ebda alternattiva ta' kazi bhal ma joffri l-artikolu 836(7), *stante* li dan tal-ahhar jipprospetta kemm is-sitwazzjoni fejn il-mandat kawtelatorju ma jkunx ghadu jezisti minhabba l-garanzija offruta, u r-rimedju huwa t-tnaqqis taghha, kif ukoll is-sitwazzjoni meta l-istess mandat jkun ghadu *in vigore*, fejn ir-rimedju hu invece it-tnehhija tieghu.

Ghaldaqstant, l-artikolu 838A joffri r-rimedju alternattiv taht zewg aspetti, li l-persuna li tohrog il-mandat u li zammet il-mandat *in vigore*, taghti garanzija kif ordnata mill-Qorti, u

fin-nuqqas li tinghata l-istess garanzija, l-Qorti tordna t-tnehhija tal-mandat, liema ordni trid tkun b'ordni unika. It-talba tar-rikorrent ezekutat, fil-kaz in ezami, hi ppernjata proprju fuq dan il-punt.

Izda, jigi ritenut ukoll, li l-applikazzjoni tal-artikolu 838 A jirrikjedi wkoll il-"kawza gusta" li twassal sabiex jitqieghed piz fuq l-ezekutant tal-mandat sabiex joffri garanzija. Il-fatt innifsu li jkun inhareg il-Mandat u li jkun qed jimponi limitazzjonijiet fuq l-ezekutat, ma jitqiesx bhala "kawza gusta" *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap 12. (Ara **Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty**, P.A. – 4 ta' Ottubru 2002).

Difatti, fil-kaz **Zarb John vs Port Cottonera Limited**, P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002, inghad:

"*Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta` ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permissibbli mil-ligi.*"

Fil-kawza **Charles Darmanin vs Albert Cachia et,** P.A. deciza fit-31 ta' Lulju 2007 gie ritenut:

*"Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera 'kawza gusta, biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala 'kawza gusta' ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa bizzejjed biex jikkostitwixxi kawza gusta ghall-finijiet*

*tal-artikolu 838A l-fatt li persuna li kontriha jkun inhareg Mandat kawtelatorju tkun qeghda ggarrab danni minhabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili."* (Ara wkoll **Asssociated Supplies Ltd. vs Joseph Mizzi**, P.A. 1006/12 deciza fis-6 ta' Frar 2013).

Fil-kaz **"Avukat Vincent Falzon noe. vs Alex Sullivan"** – P.A. (GC) 2 ta' Marzu 2001, intqal li: "*d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug ta' att kawtelatorju", u diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. U minbarra hekk, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess mandat*." (Ara **"Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd."-** P.A. (TM) – 13 ta' Marzu 2003.

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000):-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi*

*kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…..”.*

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, jigi dedott, li dak li r-rikorrent qed jilmenta minnu dwar il-fatt li hu jinsab f’Malta, u jista’ jkun zvantaggjat, a kuntrarju ta’ Gizmalla Adam Ahmed li jinsab barra minn Malta, mhijiex fiha nnifisha “kawza gusta” serja u impellanti bizzejjed. Inoltre`, r-referenza ghas-serje ta’ dokumenti esebiti fl-atti tal-kaz Numru 835/2012, jirrikjedu stharrig fil-mertu, li din il-Qorti mhijiex awtorizzata taghmel f’dan l-istadju.

Illi kkonsidrat li ma intwera bl-ebda mod li l-Mandat *de quo* hareg abbuzivament, jew li ma kienx hemm bazi *prima facie* ghaliex inhareg, u lanqas ma gew ippruvati d-danni li r-rikorrent qed jilmenta li huwa sofra konsegwentement ghall-mandat. Generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Huwa minnu li r-rikorrent odjern qed jallega frodi da parti tal-ezekutant izda kif gja premess, dan jirrikjedi approfondiment fil-mertu u mhux f'din l-istanza.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hi tal-fehma li ma ntweriex li hemm l-ebda kawza gusta li twassalha biex torbot lill-ezekutant biex iressaq il-garanzija mitluba mir-rikorrent ezekutat.

Ghalhekk, qed tirrespingi t-talba kif dedotta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet tar-rikorrent.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Lulju 2017**